**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 152/2014 AGV**

**AB**

**Vs**

**CDE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fl-14 ta' Lulju, 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet huma legalment isseparati minn xulxin in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 13 ta' Novembru, 2001 in atti tan-Nutar Dr.P eter Fleri-Soler, li qed jigi anness u mmarkat bhala Dok.A.

2. Illi l-kontendenti huma l-genituri tal-minuri FB li llum ghandha erbatax-il sena.

3. Illi l-partijiet rregolaw il-pendenzi dwar il-minuri FB in forza ta' klawsola numru (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali sopracitat.

4. Illi permezz tal-klawsola numru (3) sub-inciz "b", il-partijiet qablu li l-kura u kustodja tal-minuri FB ghandha tigi fdata f'idejn l-intimata, salv id-dritt ta' access tar-rikorrent ghall-imsemmija tifla ghal tlett darbiet fil-gimgha u cioe' kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn l-4.00 pm sas-7.00 pm u kull nhar ta' Sibt jew Hadd alternativament bejn id-9.00 am sas-6.00 pm.

5. Illi l-intimata qed teskludi kompletament lir-rikorrent minn kull decizjoni li tirrigwarda lill-minuri Martina Ebejer, peress illi l-intimata jidhrilha li hi ghandha l-jedd li tiehu wahedha kull decizjoni koncernanti s-sahha, t-trobbija u l-edukazzjoni tal-minuri minghajr ma tinforma b'dan lir-rikorrent, nonostante l-fatt li r-rikorrent kontinwament jitlob illi jigi mgharraf u nvolut f' tali decizjoni fl-ahjar interess tal-minuri.

6. Illi llum ma hemm ebda raguni li timmerita li l-kura u l-kustodja ta' bint il-kontendenti tkun fdata esklussivament f'idejn l-intimata u dan aktar fid-dawl tal-fatt li mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ghaddew 'l fuq minn 12-il sena.

7. Illi l-access kif regolat permezz tal-klawsola numru (3) paragrafu "b", apparti l-fatt li hu access limitat u ristrett wisq, ma jimmilitax fl-ahjar interess tal-minuri. Jirrizulta mill-istess klawsola, illi bint il-

kontendenti hija prekluza milli jkollha *sleepover* ma' missierha r-rikorrent u l-intimata qatt ma uriet flessibilita' u kooperazzjoni f'dan ir-rigward.

8. Illi r-rikorrent jixtieq, fl-interess suprem tal-wild minuri, illi l-arrangjament pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq citat dwar il-kura u kustodja u access tieghu ghall-imsemmija minuri jigi varjat, biex b'hekk hu jkun jista' jsahhah ir-relazzjoni ta' bejn il-genitur u l-wild, li qed tigi ppregudikata bl-access kif hekk limitat u qed tigi mizmuma milli jkollha *quality time* ma' missierha.

9. Illi f'dan il-kuntratt gie patwit ukoll illi r-rikorrent ghandu jhallas lill-intimata, bhala manteniment ghall-imsemmija tifla minuri, is-somma ta' Lm135 fix-xahar, illum ekwivalenti ghal €314.47 u dan kif ser jirrizulta ahjar mill-klawsola 3 (c) tal-imsemmi kuntratt.

10. Illi jirrizulta li wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-intimata bdiet tircievi u sahansitra ghadha qed tippercepixxi hlasijiet qawwija, li suppost imorru ghall-bzonnijiet tal-wild minuri, u liema beneficcji qed jithallsu mir-rikorrent tramite l-principal tieghu direttament lill-intimata u dan bhala parti mill-beneficcji konnessi mal-impjieg tar-rikorrent.

11. Illi sakemm tali beneficcji pekunjarji jibqghu jithallsu mir-rikorrent tramite l-principal tieghu, l-obbligu tar-rikorrent li jissomministra l-manteniment lill-intimata ghall-wild minuri kif naxxenti mill-klawsola 3 c tal-kuntratt ta' separazzjoni jimmerita li jigi sospiz, b'effett retroattiv mid-data li fiha l-intimata bdiet tippercepixxi tali beneficcji, u dana peress li ma hemm assolutament l-ebda htiega li r-rikorrent ikompli jzid, jew li l-intimata tircievi, aktar hlasijiet milli

diga' qed tircievi mir-rikorrent tramite l-principal tieghu. L-intimata m'ghandhiex il-htiega u lanqas id-dritt li tircievi u zzomm pagamenti daqshekk qawwija u l-bzonnijiet tal-minuri mhumiex tali li iirrikjedu pagamenti hekk qawwija, tenendo ukoll kont tal-obbligu li ghandha l-intimata li tikkontribwixxi hi ukoll ghall-manteniment tal-wild.

12. Illi, ghaldaqstant, jehtieg ukoll illi l-kuntratt ta' separazzjoni jigi modifikat f'dan is-sens ukoll, billi l-obbligu tar-rikorrent li jhallas lill-intimata manteniment ghall-bzonnijiet ta' bintu minuri skond il-klawsola 3 c tal-kuntratt ta' separazzjoni jigi sospiz b'effett retroattiv mid-data li fiha l-intimata bdiet tippercepixxi tali beneficcji u dan sa dik id-data li fiha tali beneficcji pekunjarji jibqghu jithallsu mir-rikorrent tramite l-principal tieghu lill-intimata.

13. Illi l-intimata giet interpellata sabiex tersaq ghall-ftehim dwar dak sudett izda inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

14. Illi l-intimata naqset milli tattendi ghal diversi seduti ffissati mill-medjatur dwar din il-pendenza u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

15. Illi r-rikorrent gie debitament awtorizzat sabiex jintavola din il-kawza skond ma jirrizulta mid-digriet li qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. "B."

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunjiiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

i) Tafda l-kura u kustodja tal-minuri FB, b'mod kongunt bejn il-partijiet u konsegwentement tvarja l-klawsola numru tlieta (3) paragrafu "b" tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 13 ta'

Novembru, 2001 in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler f'dan is-sens.

ii) Tirrivedi l-modalita' ta' access tar-rikorrent ghall-minuri FB u dan fl-interess suprem tal-istess minuri u konsegwentement tvarja l-klawsola numru 3 paragrafu "b" tal-kuntratt ta' separazzjoni sopracitat billi takkorda access aktar wiesgha u ampju a favur ir-rikorrent li jinkludi sleepovers u perjodi ta' granet kontinwi li fihom il-minuri tirrisjedi mar-rikorrent.

iii) Tordna l-varjazzjoni tal-klawsola 3© tal-kuntratt ta' separazzjoni billi l-obbligu tar-rikorrent li jhallas lill-intimata manteniment ghall-bzonnijiet tal-wild FB skond din il-klawsola jigi sospiz, b'effett retroattiv mid-data li fiha l-intimata bdiet tippercepixxi l-beneficcji fuq imsemmija u li thallsu lilha bis-sahha tal-impjieg li ghandu r-rikorrent u tramite l-principal tal-istess rikorrent u dan sa dik id-data li fiha tali beneficcji pekunjarji jibqghu jithallsu mir-rikorrent tramite l-principal tieghu lill-intimata.

iv) Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in vista tat-talbiet precedenti u tinnomina kuraturi biex jidhru fuq dan l-att minflok l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjes kontra l-intimata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta li ecceppiet:-

1. Illi l-ewwel talba attrici koncernanti l-kura u kustodja ghandha tigi michuda u dan stante illi mhuwiex fl-ahjar interess tat-tifla illi l-kura u l-kustodja tkun fdata konguntivament u dan minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti u ghalhekk minhabba l-agir li dejjem wera l-missier fil-konfront tal-omm ser ikun ta' detriment ghall-hajja tat-tifla jekk il-missier jinghata l-fakolta' illi jiehu certi decizjonijiet u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-omm kienet dejjem dik li insistiet ghall-ahjar interess tal-minuri, li dejjem rabbiet lit-tifla kif imiss, li hadet hsieb l-interessi tat-tifla wahedha u li stinkat ghat-tifla u dan minghajr mal-missier ha l-ebda interess fit-tifla u minghajr ma ta l-ebda jew involva ruhu b'xi mod f'hajjitha, anzi huwa kien ighix barra minn Malta meta t-tifla kellha bejn is-6 snin u 13-il sena u kien ikollu biss kuntatt minimu maghha.

3. Illi t-talba ghall-kura u kustodja kongunta qiedgha unikament issir minhabba l-beneficcji li l-omm qiedgha tircievi minghand il-principal tal-missier, liema beneficcji ghandhom jinghataw lill-persuna li tkun fdata bil-kura u kustodja tal-minuri u mhux ghaliex il-missier ghandu xi interess reali fil-hajja tat-tifla. Illi dawn il-beneficcji bdiet tircevihom l-esponenti direttament fis-sena 2014. Illi l-missier qatt ma ried il-kura u l-kustodja fl-interess fit-tifla tant illi huwa kien accetta illi l-kura u l-kustodja tkun fdata eskluzzivament f'idejn l-omm fil-kuntratt ta' separazzjoni meta t-tifla kellha sentejn.

4. Illi t-tieni talba attrici ghandha ukoll tigi michuda u dan stante illi mhuwiex fl-ahjar interess tat-tifla illi l-hinijiet ta' access isiru aktar ampji, specjalment meta wiehed jikkunsidra illi t-tifla illum ghandha kwazi 15-il sena, ser taghmel l-O' Levels f'Mejju li gej u ghalhekk

hija gia' mhijiex qiedgha tlahhaq mal-impenji li ghandha, fosthom privatijiet u attivitajiet extra-kurrikulari, skola u xoghol tal-iskola u anki hin ta' divertiment, li qiedghin kollha jsiru waqt li t-tifla tkun mal-omm u qatt waqt l-access tal-missier. Ironikament fis-sitwazzjoni prezenti l-omm ghandha inqas quality time mat-tifla milli l-missier.

5. Illi inoltre, it-tifla ma thossix komda ma' missierha, anzi hija thossha soffokata minnu u ghalhekk fl-ahjar interess tal-minuri ikun opportun illi qabel kull decizjoni dwar l-access, din l-Onorabbli Qorti titkellem mat-tifla wahedha, minghajr il-presenza tal-partijiet, sabiex tkun tista' taghraf x'inhu ahjar ghall-minuri.

6. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-missier, wara li qatta' l-maggorparti tal-hajja tat-tifla barra minn Malta u minghajr ma ha l-ebda interess f'hajjitha, mhuwiex jaghraf illi t-tifla tieghu m'ghadhiex tifla zghira li l-hajja taghha tirrivolvi madwar dik tal-genituri taghha imma hija tifla ta' 15-il sena li ghandha ezigenzi u stil ta' hajja bhal kull tfajla ohra ta' 15-il sena. Illi zieda fl-access kif mitlub mir-rikorrenti mhuwiex fl-interess tat-tifla stante illi kif ser jigi ppruvat fic-cirkostanzi odjerni hija t-tifla li ser tispicca ikollha taghmel sagrificcji sabiex takkomoda lill-missierha u ticcahhad minn bosta attivitajiet, kif diga' ccahhdet u mhux bil-kontra.

7. Illi t-tielet talba attrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda u dan ghaliex fl-ewwel lok l-ammont ta' manteniment imhallas mill-missier, li lanqas biss jinkludi nofs l-ispejjes kif inhi l-prassi, huwa minimu meta kkunsidrat l-paga tajba immens li ghandu r-rikorrenti bhala persuna f'kariga gholja fi hdan il-Kummissjoni Ewropeja, kif ukoll l-eluf ta' Euros spejjez li l-esponenti tonfoq fuq

bintha, fosthom ghall-edukazzjoni fi skola privata, spejjes medici minhabba l-kundizzjoni oftalmologika li ghandha l-minuri li tigi kkurata f' Milan u dan fost numru ta' spejjes ohra li kull ma jmur iz-zmien dejjem jizdiedu u li l-missier qatt ma hallas centezmu minnhom. Illi effettivament, il-manteniment kunsidrat dan kollu ghandu jizdied u mhux jigi sospiz,

8. Illi t-tielet talba attrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti bdiet biss tircievi beneficcju maghruf bhala family allowance u rifuzjoni parzjali tal-ispejjes edukattivi mill-principal tar-rikorrenti fil-bidu tas-sena 2014 u f'Gunju 2014 rispettivament u dan ghaliex kien dritt taghha li tircevihom. Illi l-ammont li tircievi huwa biss parti zghira tal-eluf li hija tonfoq fis-sena fuq it-tifla u ghalhekk it-talba ghas-sospenzjoni tal-manteniment ghandha tigi michuda.

9. Illi inoltre, huwa r-rikorrent li huwa missier il-minuri u mhux il-principal tieghu u ghalhekk huwa ghandu jiehu responsabbilita' ghall-bintu, imqar billi huwa ihallas il-manteniment minimu li huwa kien obbliga ruhu li jhallas.

10. Illi inoltre, ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li minhabba fiha din l-Onorabbli Qorti ghandha tezonera lir-rikorrent mill-obbligu tal-hlas ta' manteniment.

11. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Rat il-Kontro-Talba tal-konvenuta li ppremettiet:-

1. Illi ai termini tal-kuntratt tat-13 ta’ Novembru, 2001 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler l-attur rikonvenzjonat huwa obbligat li jhallas l-ammont ta’ Lm135 fix-xahar, ekwivalenti ghal €314.47, liema obbligu ta’ manteniment ma jinkludix il-hlas tas-sehem tal-missier mill-ispejjes edukattivi, medici u extra-kurrikulari. Illi dan il-kuntratt gie ppubblikat meta t-tifla kellha biss sentejn.

2. Illi c-cirkostanzi tat-tifla, illum il-gurnata nbiddlu, fejn l-omm hija rinfaccjata b’numru kbir ta’ spejjes koncernanti l-istess tifla minuri li jammontaw ghall-eluf ta’ Euros fis-sena, ghal liema spejjes il-missier ma jikkontribwixxix lanqas minimament.

3. Illi l-minuri tmur l-iskola privata St.Michael’ s Foundation School u ghal dan il-ghan l-omm thallas is-somma ta’ €4, 140 fis-sena bhala mizata. Illi dan oltre spejjes ezorbitanti ohra assocjati mal-iskola fosthom uniformijiet, kotba u numru ta’ spejjes ohra li kull sena l-omm ikollha tizborza ghall-edukazzjoni ta’ bintha.

4. Illi inoltre t-tifla fil-prezent tmur numru ta’ privatijiet ta’ diversi suggetti u dan ghaliex hija waslet biex tpoggi ghall-O’Levels, liema privatijiet jammontaw ghal kwasi €300 fix-xahar.

5. Illi apparti minn hekk it-tifla minuri sfortunatament issofri minn kundizzjoni f’ghajnejha maghrufa bhala Myopia Progressiva u minhabba f’hekk il-minuri ikollha tittiehed darbtejn fis-sena ghall-vizta fl-Isptar San Raffaele gewwa Milan a spiza tal-esponenti.

6. Illi dan oltre numru ta’ spejjes ohra li l-esponenti kontinwament tonfoq fuq bintha u dan minghajr mal-missier ma jikkontribwixxi bl-ebda mod ghall-ispejjes interkorsi mill-esponenti. Illi sahansitra l-

esponenti kellha gieli tissellef il-flus minghand il-genituri taghha, stante illi hija ma setghetx tkampa bil-paga taghha ghall-ispejjes u bzonnijiet ta' bintha.

7. Illi l-missier tal-minuri huwa impjegat f'kariga gholja mal-Kummissjoni Ewropeja, fl-ufficju li huma ghandhom gewwa Malta u ghalhekk huwa ghandu introjtu gholi immens kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi minkejja dan, il-missier qatt ma kkontribwixxa ghal dawn l-ispejjes kollha u qatt ma bl-ebda mod ikkontribwixxa finanzjarjament ghat-tifla ghajr li jaghti l-manteniment mizeru ta' €314.47 fix-xahar.

8. Illi l-manteniment li l-missier huwa obbligat li jaghti ghandu jirrifletti l-introjtu u l-istat finanzjarju tal-istess missier, li certament mhuwiex rapprezentant kif imiss bil-manteniment ta' €314.47 imhallas fil-prezent.

Ghaldaqstant, l-esponenti qiedgha titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna, taqta' u tiddeciedi r-rikonvenzjoni tal-esponenti billi:-

1. Tiddikjara illi l-ammont ta' manteniment ta' Lm314.47 minghajr l-obbligu tal-hlas ta' nofs l-ispejjes edukattivi, medici u extra-kurrikulari li l-missier huwa obbligat jaghti lill-esponenti ai termini tal-klawsola 3© tal-kuntratt tat-13 ta' Novembru, 2001 ma jirrispekkjax il-qaghda finanzjarja tal-missier rikonvenzjonat u huwa baxx wisq ikkunsidrati c-cirkostanzi tal-kaz.

2. Tillikwida rata mensili ta' manteniment xierqa u opportuna li l-missier rikonvenzjonat ghandu jibda jhallas lill-esponenti.

3. Tikkundanna lill-missier sabiex jibda jhallas dik is-somma hekk likwidata flimkien ma' nofs l-ispejjes edukattivi, medici u extra-kurrikulari lill-esponenti.

4. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt tat-13 ta' Novembru, 2001 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler u tinnomina kuraturi sabiex jidhru fuq l-imsemmi att minflok l-attur rikonvenzjonat fl-eventwalita' li ma jidhirx fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ghall-Kontro-Talba tal-konvenuta li eccepiet:-

1. Illi r-rikorrent rikonvenut jibda billi jichad l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet mressqa mill-konvenuta rikonvenzjonata kemm fir-risposta kif ukoll fil-kontro-talba taghha u dana bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza.

2. Illi fl-ewwel talba taghha l-konvenuta rikonvenzjonata qed tkun skorretta meta tindika li l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ma jindikax l-obbligu tal-hlas tal-ispejjes edukattivi u medici billi l-Artikolu 19 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li l-manteniment jinkorpora l-ikel, l-ilbies, is-sahha, l-abitazzjoni u l-ispejjes mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni.

3. Illi m'hemm assolutament l-ebda htiega li r-rikorrent rikonvenut ikompli jzid jew li l-konvenuta rikonvenzjonata tircievi, xi hlasijiet

minn dawk pretizi minnha. Il-bzonnijiet tal-minuri mhumiex tali li jirrikjedu pagamenti hekk qawwija, tenendo ukoll kont tal-obbligu li ghandha l-intimata rikonvenzjonata li tikkontribwixxi hi ukoll ghall-manteniment tal-wild.

4. Illi r-rikorrent rikonvenut jopponi ukoll ghat-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonata billi ghal'darb'ohra jikkontendi li l-modifika fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' Novembru, 2001 ghandha ssehh fis-sens li l-obbligu tieghu li jissomministra manteniment jigi sospiz, b'effett retroattiv mid-data li fiha l-intimata rikonvenzjonata bdiet tippercepixxi tali beneficcji.

5. Illi mid-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet, ivverifikaw ruhhom cirkostanzi li amerljoraw il-qaghda finanzjarja tal-konvenuta rikonvenzjonata u b'hekk m'ghadx hemm il-htiega li l-konvenuta rikonvenzjonata tirciev i minghand l-esponent il-manteniment kif stipulat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' Novembru, 2014.

Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjes kontra l-konvenuta rikonvenzjonata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-verbal ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Frar, 2018 fejn gew irtirati l-ewwel u t-tieni talba tal-attur stante li llum it-tifla saret maggorenni f'Settembru, 2017 u ghaldaqstant dina l-Qorti mhux se tikkunsidra aktar il-provi prodotti fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri.

Dina s-sentenza se tkun limitata biss ghat-tielet talba attrici u ghall-kontro-talbiet tal-konvenuta, limitatament fuq il-mertu tal-manteniment.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

**FATTI**

1. Skond il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' €314.47 manteniment ghat-tifla taghhom illum maggorenni, li qed tattendi l-ewwel sena l-Universita'. Minbarra dawn tircievi ukoll beneficcji specjali direttament mill-principal tieghu, peress li ghandu impjieg gholi bhala ekonomista mal-Kummissjoni Ewropeja[1] u ilu jahdem f'Malta mis-sena 2013, wara li kien ghamel bosta snin Brussels u dan jammonta ghal €1,000 fix-xahar. Tircievi ukoll rimbors ta' spejjes relatati ma' sahha u kura tat-tifla u dan minkejja li ma kienx hemm ftehim dwarhom fil-kuntratt ta' separazzjoni. Ighid li kien talab lill-konvenuta tikkoopera mieghu biex jibbenifikaw minn din l-iskema, izda ma kinitx ghamlet hekk mill-ewwel. Il-konvenuta da parti taghha ssostni li l-attur ma kienx qallha dwar din l-iskema sakemm kien talabha l-ircevuti tal-mizati li kienet thallas. Ighid ukoll li skond il-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenuta kellha tohrog polza ta' assikurazzjoni ghall-ispejjes medici tat-tifla, izda dan qatt m'ghamlitu.

   Skond l-attur dawn il-beneficcji huma ferm aktar milli ghandha bzonn il-konvenuta u huwa dispost li jekk jieqfu hu jibda jissomministra mill-gdid il-manteniment ghal bintu. Hu konvint li l-konvenuta mhux qed tuza' dawn il-beneficcji ghat-tifla biss, izda ghat-tifel li ghandha

[1] Ara Dok. IE3 a fol. 50 tal-process.

mill-partner taghha u biex tghin lil dan tal-ahhar peress li kellu problemi ta' djun oltre li ghandu negozju tal-laham.

2. L-attur ighid li sakemm il-konvenuta bdiet tircievi l-beneficcji socjali minghand il-principal tieghu, l-ispejjes relatati mal-kundizzjoni oftalmogika li tbati minnha t-tifla, illum maggorenni, il-mizati tal-iskola, privatijiet, kotba, uniformijiet, attivitajiet extra-kurrikulari u ohrajn kienu jithallsu minn kont bankarju kongunt f'isem il-partijiet, wara li l-konvenuta kienet tipprezenta l-ircevuti relattivi, fejn ghalhekk kienu jidhlu z-zewg family allowances, kif ukoll ir-rimbors tal-ispejjes edukattivi (child allowance) u cioe' ghalhekk tlett allowances. Dan il-fatt huwa kkonfermat mill-konvenuta stess, pero' zzid tghid li jekk kienu jaqblu fuq xi spejjes kienet tohroghom minn dan il-kont u fejn ma kienx jaqbel l-attur, ma kienx jawtorizza l-hrug ta' fondi mill-bank, bir-rizultat li kienet tohrog il-flus hi. Fil-fatt tghid li kellha twaqqaf l-izfin ghal bintha peress li ma kellix fondi bizzejjed biex tlahhaq mal-ispiza. Hu kkonfermat mill-partijiet li ghad hemm flus f'dan il-kont kongunt li ma ngibdux u filwaqt li l-attur ighid li ma jafx l-ammont, il-konvenuta kkonfermat li l-ammont kien aktar minn €38,000.

Wara li hadet parir minghand avukat, il-konvenuta rrealizzat li peress li kellha l-kura u kustodja tal-minuri, illum maggorenni u kienet thallas dawn l-ispejjes kollha hi, kienet intitolata li tircievi r-rimbors u l-family allowance hi direttament.

Saret taf ukoll li l-ircevuti tal-kontijiet medici, l-attur qatt ma kienipprezentahom u kien irrifjuta li jibbenefika mill-joint health

allowance. Dan saret tafu wara li kkomunikat mal-Officer-In-Charge of Health Benefits.

L-attur jinsisti li l-konvenuta tiehu t-tifla ghall-kura darbtejn f'sena fl-Isptar San Raffaele, f'Milan peress li ghandha partner Taljan u kull meta tmur izur il-genituri tieghu, tiehu t-tifla hemm, meta hu kien xtaq jehodha fl-Isptar Moorfields f'Londra. L-attur jinsisti li hu jhallas dawn l-ispejjes medici, minkejja li fil-kuntratt ta' separazzjoni hemm stipulat li l-hlas ta' manteniment ikopri ukoll l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni ukoll.

Ighid ukoll li l-konvenuta kienet tircievi kull ghajnuna mill-Istat, inkluz children's allowance u tnaqqis fit-taxxa tad-dhul ghat-tfal li jattendu skejjel privati.

3. Dwar id-dhul gross tieghu, l-attur spjega a bazi tal-ahhar salarju tieghu f'Mejju, 2015 is-segwenti ntrojtu:-

i) Basic gross salary immarkat bil-kulur isfar - €5, 848.50
ii) Taxes and childrens allowance mmarkat bil-kulur blu - €1, 135.52
iii) Children' s allowance mmarkat bil-kulur roza - €1, 098.23 (€313.24 + €240.90 + €361.78) – dawn tircevihom il-konvenuta.
iv) Reduction in salary due to correction co-efficient market b'salib - €1, 098.23 – dan jirrapprezenta t-tnaqqis mid-dhul tieghu peress li rritorna jahdem f'Malta u minhabba f'hekk l-introjtu tieghu rega' naqas b'16% bhala dhul gross.

Ghalhekk, l-attur jikkonferma li d-dhul net tieghu hu fis-somma ta' €3, 876.92 fix-xahar.[2] In kontro-ezami jghid li l-introjtu tieghu huwa ta' €5,700 fix-xahar netti li jinkludu tlett allowances – tnejn huma family allowances u wiehed child allowance, li jikkonsisti f'rimbors ta' spejjes li jkunu gew inkorsi in konnessjoni mal-edukazzjoni tal-minuri cioe' l-mizata. Dan l-allowance jinghata lil min ghandu l-kura u kustodja tal-minuri, li ghal zmien twil ilha f' idejn il-konvenuta.

4. Il-konvenuta tispjega illi l-attur kien dejjem ipoggi l-flus l-ewwel. Kien ihallas il-manteniment skond il-kuntratt u ma kienx ihallas sold izjed. Hi kienet thallsilha l-mizati tal-iskola, tobba, nuccalijiet u lenses minhabba l-kundizzjoni ta' ghajnejja u dawn kienu aktar gholjin minn normali, il-vjaggi lejn Milan sabiex jaghmlu l-vizti l-Isptar San Raffaele, hwejjeg, bzonnijiet tat-tfajla, hrug attivitaijiet extra-kurrikulari u privatijiet. Specjalment meta t-tifla waslet biex taghmel l-O' Levels kellha diversi spejjes aktar mis-soltu, ghax il-mizata kellha tithallas bil-quddiem, kif ukoll kien hemm diversi privatijiet in preparament ta' dawn l-ezamiijiet.

   Tghid ukoll li rnexxielha tkompli thallas il-mizati tal-iskola privata St.Michaels' Foundation, li kienet tattendi t-tifla, bl-ghajnuna tal-genituri taghha u l-partner taghha GH.

5. Il-konvenuta tikkonferma li l-introjtu taghha huwa ta' €1340 fix-xahar[3] u in kontro-ezami tghid li taqla' bejn €1,400/€1,500 fix-xahar u tahdem bhala ghalliema fl-iskola tal-bniet ta' Sta. Monica, B'Kara. Tghid li meta sseparaw fl-2001 ma kinitx tahdem.

---

[2] Ara Dok. IE 4 a fol. 51 tal-process.
[3] Ara Dok. NLF 5 a fol. 179 tal-process

Tikkonferma li llum tghix mal-partner taghha gewwa post f'Tas-Sliema li kienet inghatat b'donazzjoni minghand il-genituri taghha.

In kontro-ezami, il-konvenuta tikkonferma li l-attur dejjem hallas il-manteniment regolarment, apparti ghal habta tal-ahhar tas-sena 2017, meta talbitu ighaddilha l-flus permezz ta' cekk peress li kienu ghamlulha mandat ta' sekwestru minn terzi. Kienet tatu n-numru tal-kont bankarju tat-tifla u minkejja li l-kuntratt ighid li l-manteniment ghandu jithallas permezz ta' bank transfer, ma kienx hemm specifikat il-kont fejn kellu jsir dan it-trasferiment.

6. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li l-konvenuta kellha sitt kontijiet f'isimha, tnejn miftuhin u erba' maghluqin.[4]

   F'isem l-attur irrizultaw zewg kontijiet li ghadhom miftuhin:-

   i) Savings account [5]
   ii) Current account[6]

   Tghid ukoll li kien hemm skypass li nfethet fl-2007 u ghadha valida.[7]

7. Rebecca Micallef, in rapprezentanza ta' APS Bank ikkonfermat li kien hemm erba' kontijiet f'isem il-konvenuta li nfethu kollha wara s-sena 2005. Dawn huwa s-segwenti:-

i) Current account 20000923170 ghadu miftuh;[8]

[4] Ara Doks. JB1 – JB6
[5] Ara Dok.JB7
[6] Ara Dok. JB 8
[7] Ara Dok. JB 9
[8] Ara Dok. RM1

ii) Loan account 2001065954 li naghlaq fit-18 ta' Gunju, 2014;[9]

iii) Home loan account 20000926092 u ghadu attiv;[10]

iv) Home loan account 20001065932 u ghadu attiv.[11]

F'isem l-attur irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Savings account 20001061385 ghadu attiv.[12]

ii) Savings account 13142923015 li huwa maghluq.[13]

iii) Current account 13142930011 li huwa maghluq.[14]

iv) Savings Account 13142910017 li huwa maghluq.[15]

v) Young Savers Account 20001340048 u ghadu attiv.[16]

8. Audrey Ghigo, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. rrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji f'isem il-konvenuta:-

i) Current account 008035008001.[17]

ii) Savings account 085087922050.[18]

iii) Loan account 008035008300 li huwa maghluq.[19]

iv) Loan account 0080073903320 li huwa maghluq.[20]

v) Loan account 008073903321 li huwa maghluq.[21]

---

[9] Ara Dok. RM2

[10] Ara Dok. RM3

[11] Ara Dok. RM 4
[12] Ara Dok. RM1
[13] Ara Dok. RM2
[14] Ara Dok. RM 3
[15] Ara Dok. RM4
[16] Ara Dok.RM5
[17] Ara Dok. AG1
[18] Ara Dok.AG2

[19] Ara Dok. AG3
[20] Ara Dok. AG4
[21] Ara Dok. AG5

vi) Credit card 456882304040267370 li huwa maghluq.[22]

Tghid ukoll li kien hemm kont kongunt tal-partijiet bin-numru 008083735050. Dwar dan il-kont tghid li kien "both to sign" u kien ghadu miftuh.

F'isem l-attur tghid li rrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Savings account 006140545050[23]
ii) Savings account 008026056050[24]
iii) Current account 089060685001[25]
iv) Loan account 14075452 li huwa maghluq[26]

**IKKUNSIDRAT**

Dina l-Onorabbli Qorti qed tillimita ruhha ghat-tielet talba attrici fejn l-attur qed jitlob varjazzjoni ta' klawsola 3c tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' Novembru, 2001 ippbblikat fl-atti tan-Nutar Dr.Peter Fleri-Soler billi l-obbligu ta' hlas ta' manteniment jigi sospiz peress li l-konvenuta qed tircievi beneficcji ta' family allowance u children allowance peress li l-attur jahdem mal-Kummissjoni Ewropeja u peress li hi kellha l-kura u kustodja tat-tifla, li fil-mori tal-proceduri saret maggorenni.

Klawsola 3 c tal-istess kuntratt jistipula hekk:-

[22] Ara Dok.AG6
[23] Ara Dok. AG.10
[24] Ara Dok. AG.11
[25] Ara Dok.AG.12

[26] Ara Dok. AG 13.

***"Ir-ragel jintrabat li jhallas lil martu, bhala manteniment ghall-imsemmija tifla minuri, is-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135) fix-xahar, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-mara permezz ta' direct debit order f'kont indikat lir-ragel mill-mara minn zmien ghal zmien. L-istess manteniment jibqa' jithallas sakemm l-imsemmija tifla minuri tizzewweg, jew taghlaq erbgha u ghoxrin (24) sena skond liema evenjenza tavverra ruhha l-ewwel. L-istess manteniment ikun sospiz f'kaz illi t-tifla tkun qed tahdem full-time. Taht ebda cirkostanzi ohra dan l-istess manteniment ma ghandu jigi varjat."***

Illum, l-attur qed isostni li dan il-manteniment ghandu jigi sospiz, gialadarba l-konvenuta qed tircievi beneficcji ta' zewg family allowances u childrens allowance mill-Kummissjoni Ewropeja u dan sabiex ikopri spejjes edukattivi tal-minuri relatati mal-mizati, kif ukoll spejjes medici u dan meta lanqas huma msemmijin fil-kuntratt ta' separazzjoni.

L-attur jispjega li peress li gie jahdem hawn Malta, izda dejjem mal-Kummissjoni Ewropeja, id-dhul tieghu kien naqas b'xi €1,000 u verament kellu d-dubbji tieghu jekk kemm il-darba dan il-manteniment li kien ighaddi lill-konvenuta kienx qed jigi uzat ghall-interessi ta' bintu jew kienu qed jintuza ukoll ghall-partner tal-konvenuta u binhom.

Il-konvenuta da parti taghha qed tinsisti li dan il-manteniment huwa minimu u ghandu jizdied u addiritura ghandu jkun hemm ukoll klawsola li l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u spejjes extra-kurrikulari ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Mir-rizultanzi processwali gie stabbilit li kien hemm xi zmien meta l-attur kien waqaf jaghmel il-pagamenti mensili ukoll.

Il-punt in kontestazzjoni huwa li l-attur iffirma kuntratt ta' separazzjoni u fl-istess kuntratt gie stipulat li l-ammont ta' manteniment ma jistax jinbidel taht l-ebda cirkostanza.

Fis-sentenza tal-Prim'Istanza **Galea vs Galea**[27] gie stabbilit illi ***"l-promotur tal-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' transazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunjiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghall-impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kontrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti."***[28]

L-artikolu 54 (7) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

***"Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz."***

Gie ritenut ukoll fil-gurisprudenza nostrana illi "…***fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu ukoll ighodd firmament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li adottaw posizzjoni rigida, anzi wahda riflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghar-revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftiehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li***

[27] Deciza 26 ta' Frar, 1956
[28] Victoria Camilleri et. vs Mahmood Kareem – App. datat 2 ta' Novembru, 1994

***jhallas retta alimentari, f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha ukoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn. Jekk dan kollu ma fehmux il-legali tal-attur, l-attur jidher li kien konsapevoli ghall-ahhar tieghu."***[29]

Minn naha l-ohra jibqa' ferm li bhala regola ferma japplika l-principju "pacta sunt servanda" li jaghti forza ta' ligi lil dawk li jkunu ftehmu l-partijiet, salv ghad-dritt tal-qorti li tintervjeni f'vertenzi li jirrigwardaw il-minuri. Dan il-principju hu rifless fil-ligi taghna fejn l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

***"(1) Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mil-ligi."***

Ghalhekk, effettivament gie ritenut illi "***sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabat kontrattwalment li, jezegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossiblita' estranea ghall-volonta' tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu."*** [30]

---

[29] Moses Briffa vs Nathalina Briffa – App deciz 31 ta' Mejju, 2019 Rik. 24/15
[30] utrinque

Mir-rizultanti processwali ma jidhirx li kien hemm ebda impossibilita' jew xi cirkostanzi ta' natura gravi jew eccezzjonali li ma kienux iwassluh ihallas il-manteniment dovut lil bintu. L-unika haga hi l-introjtu tieghu naqas meta gie jahdem Malta fl-2013, izda l-ammont huwa ftit iktar minn €1000, mhix xi differenza sostanzjali, meta wiehed iqis li l-paga tieghu hija 'l fuq minn €3,500. Il-beneficcji li tircievi l-konvenuta huma beneficcji li joffri l-pakkett tal-impjieg tal-attur, izda bl-ebda mod dan ghandu jfisser li jista' jezonerah minn kwalsiasi obbligu li ghandu lejn bintu ghall-hlas ta' manteniment. Oltre minn hekk, meta ffirma s-separazzjoni bonarja, kien konsapevoli li dak l-ammont ta' manteniment ma seta' qatt jigi varjat.

Ferm il-premess, din il-Qorti tissenjala li huwa mankanti l-impossibilita' jew estremi ohra stabbiliti fil-gurisprudenza nostrana, da parti tar-rikorrent biex jissospendi l-hlas ta' manteniment ghall-bintu skond klawsola 3c tal-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk l-istess klawsola ghandha tibqa' *in vigore*.

Inoltre, "***il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***[31]

Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat.

[31] Marina Galea vs Mario Galea – App. data 31 ta' Jannar, 2019

Kif diga' gie ssenjalat, l-attur baqa' jahdem mal-Kummissjoni Ewropeja, l-introjtu naqas xi ftit meta gie Malta, pero' tkun haga ngusta jekk dina l-Qorti kellha tordna s-sospensjoni tal-klawsola 3c peress li l-konvenuta qiedgha tircievi allowances fl-ammont ta' cirka €1000 fix-xahar ghall-edukazzjoni u l-kura tat-tifla, ghaliex primarjament dan ma jirrispekkjax l-manteniment intier, ghaliex tifla li llum hija maggorrenni u qed tistudja l-Universita' ghandha bzonn hafna spejjes biex tlahhaq mal-istudji, kotba, attivitiajiet extra-kurrikulari, hrug, hwejjeg u bzonnijiet ohra bhal kull tfajla tal-eta' taghha. L-attur *qua* missier u mhux l-imghallem tiehu ghandu jiehu hsieb li jissalvagwardja l-interessi tal-minuri. Jekk imbaghad ix-xoghol tieghu kien joffri certi privileggi, ghaliex le, ghandha tgawdihom it-tifla tramite ommha li taghha tul is-snin kellha l-kura u kustodja.

Il-konvenuta ukoll qed titlob varjazzjoni f'klawsola 3c tal-kuntratt billi jizdied il-manteniment peress li huwa minimu, kif ukoll li jinqasmu l-ispejjes edukattivi, ta' sahha u l-ispejjes ghall-attivitajiet extra-kurrikulari. L-istess li jinghad ghall-attur japplika ghall-konvenuta. Iffirmat il-kuntratt konsapevoli li l-ammont ta' manteniment ma jistax jigi varjat. Dina l-Qorti tkun tista' tvarja l-istess ammont diment li tara li kien hemm ragunijiet li jiggustifikaw tali tibdil.

Ghandu jigi senjalat li mir-rizultanzi processwali, l-uniku tibdil kien li meta gie ffirmat il-kuntratt, il-konvenuta ma kinitx tahdem, izda llum ikkonfermat li ilha tahdem bhala teacher ghal perjodu ta' zmien u ghandha ntrojtu ta' cirka €1,400/€1,500. Ghalhekk semmai l-posizzjoni taghha hija ferm aktar avvantaguza minn meta sseparat. Apparti mill-fatt li hi tircievi ukoll l-family allowances, kif ukoll ic-childrens allowance mill-Kummissjoni Ewropeja u jekk qabel dawn il-flus kienu jitpoggew go kont kongunt u kienu jinhargu biss l-ispejjes meta l-konvenuta kienet turi lill-attur id-debiti rcevuti, illum dawn qed

jigu pprecepiti mill-konvenuta direttament. Tenut ma' dan ghandu jinghad ukoll li dawn l-fondi ma kienux koperti fis-separazzjoni konsenswali u sar bi ftehim bejn il-partijiet.

Ghalhekk, dina l-Qorti ma tikkondividix il-pretensjoni tal-konvenuta peress li ma jezistux l-estremi kif mahluqin mill-gurisprudenza li jistghu jeghlbu l-kundizzjoni stipulata fi klawsola 3 c tal-istess kuntratt, hlief meta l-allowances imhallsa mill-Kummissjoni Ewropeja jieqfu u f'dak il-kaz il-manteniment skond klawsola 3c ghandu jizdied ghal €500 fix-xahar.

Dwar it-talba sabiex jinqassmu l-ispejjes medici, edukattivi u extra-kurrikulari, huwa mifhum li dawn illum qed jigu koperti mill-fondi tal-Kummissjoni Ewropeja, pero' ghal dan hemm tmien u l-istess kuntratt ma jsemmix dwar kontribuzzjonijiet f'dan is-sens. Inoltre, ma giex ippruvat jekk illum parti mill-family allowances twaqqfu peress li t-tifla bdiet tattendi l-Universita'. Huwa minnu ukoll li sakemm il-konvenuta saret taf fl-2014 li kien hemm rimbors tal-ispejjes edukattivi u li kien hemm anke allowance, dejjem hallset dawn l-ispejjes minn butha, ghaliex il-manteniment dovut mill-attur ma kienx sufficjenti. Fil-fatt illum jezisti bilanc ta' €38,000 fil-kont kongunt peress li bdew jakkumulaw.

It-tifla llum qed tattendi l-Universita' u ghalhekk wiehed jifhem li l-ispejjes tal-mizati u uniformijiet naqsu, pero' ciononostante, il-bzonnijet edukattivi u medici taghha dejjem jibqghu hemm u ghalhekk anke fl-assenza tal-privilegg li joffri l-impjieg tal-attur, dawn l-istess spejjes ghandhom fi kwalsiasi mument ikunu koperti. Ghalhekk tkun haga gusta jekk fil-kuntratt ta' separazzjoni tizdied klawsola fis-sens li sakemm tizzewweg jew taghlaq 24 sena, liema wahda tavvera ruhha l-ewwel, l-ispejjes edukattivi u medici, kif ukoll l-ispejjes extra-kurrikulari, jekk mhux koperti mill-finanzi tal-Kummisjoni Ewropeja, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Theggeg pero' lill-konvenuta tohrog il-polza tal-

assikurazzjoni fi zmien xahar minn din is-sena u dan wara li naqset li taghmel hekk skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

i) Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba stante li llum it-tifla hija maggorenni;

ii) Tichad it-tielet talba ghar-ragunjiet fuq imsemmija;

iii) Tichad il-kontro-talbiet, salv li ghandha tizdied klawsola fil-kuntratt ta' separazzjoni fejn ghandu jigi stipulat li l-ispejjes edukattivi, medici u extra-kurrikulari ghandhom jinqasmu bin-nofs;

iv) Tilqa' r-raba talba u r-raba' kontro-talba u tinnomina lin-Nutar Dr. Peter Fleri Soler u kuraturi tat-turn, sabiex jirrapprezenta l-attur fl-eventwalita' li ma jidhirx fuq l-istess kuntratt, biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt tat-13 ta' Novembru, 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri-Soler.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**